# KUNSILL LOKALI HAL LIJA

TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI, LIJA

TEL. 21416111 FAX 21416941

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBGĦA KUNSILL**

**SEDUTA NRU 26 – L-Erbgha 26 ta' Novembru 2014 fil-17.00hrs**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi Triq Robert Mifsud Bonnici Ħal Lija.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Is-Sinjura Magda Magri Naudi | Sindku |
| | Is-Sinjorina Stephanie Cutajar | Viċi Sindku |
| | Dr.Marc Sant | Minority Leader |
| | Is- Sur Massimo Scerri | Kunsillier |
| | Is-Sinjorina Lorraine Farrugia | Kunsillier |

**1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI NR 25 TAL-LAQGHA TAL- 5 TA' NOVEMBRU 2014 U LI TKOMPLIET NHAR IT-TLIETA 11 TA' NOVEMBRU 2014**

1.1 Fuq proposta tas-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi sekondat mis-Sur Massimo Scerri, minuti nr 25 gew approvati unanimament.

**2. SOSPENZJONI TAL-LAQGHA**

2.1 Il-Laqgha giet sospenduta fil-5.15p.m. peress li resident, is-Sur Natal Attard Bayliss gie l-ufficcju biex jaghmel complaint

2.2 Huwa qed jilmenta u r-residenti urtati hafna li l-karozzi jghaddu sparati minn Triq Giuseppi Portelli u jibbrejkjaw ezatt quddiem id-dar tieghu, anke tajrulu l-mera tal-karozza. Huwa qed jaghmel request ghal mera u ilu hdax il-sena iressaq dan il-complaint.

2.3 Magda qalet li min kollox ghamilna, Wardens ma nistghux naffordjawhom u anke ghamilna request mat-TM ghal Pestrian Priority.

2.4 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi kompliet tghid li kellha ssir meeting mal-President ftit tax-xhur ilu imma din kellha tithassar

2.5 Is-Sindku kompliet tghid li l-problemi tat-traffiku huma kbar f'Hal Lija u l-Kunsill irid jara kif ser isolvuhom.

2.6 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar issugerit li ssir 'one way' bil-hin minn hdejn il-barumbara bejn is-7.00am. u 8.30a.m. Kulhadd qabel li TM ma ghadiex taghti permess bil-hinijiet
2.7 Is-Sur Attard Bayliss telaq fil-5.30p.m.
2.8 Gie ssugerit li Triq Annibale Preca ssir one way l-isfel u Triq San Andrija ssir bil-kontra imma din trid tigi diskussa aktar il-quddiem.

**3. ARISING**

3.1 Is-Segretarju, spjegat x'azzjoni kienet ittiehed fuq l-affarijiet li gew decizi l-ahhar laqgha :
3.2 Minn 2.1 sa 2.4 ta' l-ahhar laqgha, s-Segretarju spejgat li kienet gabet kwotazzjoni ghal-maid ghall- Kunsill mill-University Residence biex dan ikun bhala pakkett mal-kera. Ghalkemm il-prezz ikkwotat kien irhas mill-maid li hemm prezentament, il-Kunsill xorta qabel li ghandha tibqa il-maid eziztenti minhabba s-servizz tajjeb taghha.
3.3 Fuq 2.4 sa 2.7, gie ikkuntatjat is-Sur Scicluna tal-MELP u nbatghat xi hadd fuq il-complaints li kellna. Marru 'on site' is-Segretarju u Joe Gatt il-Gardinar ma' din il-persuna.
3.4 Fuq is-sigar tal-Mirakli u Centru Rekreattiv fejn l-gheruq taghhom qed joghlu l-madum, din il-persuna qalet li ma nistghux assolutmanet immissuhom imma nistghu biss induru maghhom u nirrangaw il-fence ta' madwarhom. Fuq is-sigra tal-harub ghandna nergghu niktbu lill-MEPA ghax anke l-persuna li ma jridx jaqtghha tista' taghmilu hsara u fuq is-sigra ta' l-gheneb ghadna nitkellmu mar-resident biex jaqtaghha minn fuq ghax tmiss mal-wires ta' l-elettriku.
3.5 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia xorta baqghet issosstni li l-vine tree qeghda imwahhla ma' residenza ta' haddiehor. Ghandu jerga' jigi iccekkjat dan.
3.6 Fuq is-sigar ta' Senna (2.8) irid jerga' jintbaghat il-gardinar, Joe Gatt fuq il-post biex naraw x'jista' jsir peress li din il-persuna li giet minghajr appuntament ma kienx fadlilha aktar hin biex inkomplu induru f' Ta Senna.
3.7 Fuq 2.10, is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li hija kienet marret 'on site' mal-haddiema tal-Kunsill biex ticcekkja fuq il-fence tal-Housing Estate fejn xi residenti qed jilmentaw li hemm xi fence li ma hemmx access ghalih. Hija infurmat li kull entratura ghandu access ghalih. Ghandhom jitbaghtu l-haddiema fuq dan il-complaint biex jergghu jiccekkjaw. Is-Segretarju nfurmat li kienet intbaghtet e-mail lill-Housing Authority fejn staqsejna x'inhuma r-responsabilitajiet tal-Kunsill fejn jidhol il-Housing Estate. It-twegiba kienet li l-Kunsill ghandu biss ir-responsabilita tal-madwar il-Housing Estate.
3.8 Fuq nr 2.14 u 2.15, il-haddiema bidlu l-globi kollha tal-gnien u inbaghtet e-mail ukoll lis-Surgent James Magro biex ikun hemm iktar solveljanza mill-Pulizija fil-Centru Rekreattiv. Ghandha terga' tinbaghat reminder peress li feedback qatt ma ircevejna. Is-Segretarju nfurmat li reflectors ma inxtrawx minhabba il-problema finanzjarja tal-Kunsill
3.9 Fuq nr 2.17 u 2.18, peress li l-art hija tal-Kunsill, kellha tinbaghat request bil-miktub, minghand il-Bocci Club biex tinbena karma zghira bhala changing room/toilet. Din s'issa qatt ma waslet.
3.10 Inbaghtet e-mail lit-TM bit-ritratti fuq nr 2.19 u 2.20 ghall approvazzjoni tal-bollards f'Tal-Mirakli
3.11 Fuq nr 2.21 u 2.22, ghandha tinbaghat request lit-TM biex issir 'No Parking' bejn is-7.00a.m. u 8.30a.m. fuq naha wahda tat-triq hdejn tal-Mirakli roundabout bejn il-Kappella u l-Ispizerija.
3.12 L-attivita li kellha ssir nhar il-Gimgha 28 ta' Novembru 2014 il-Birgu, il-Palazz ta' l-Inkwizutur kellha tithassar peress li l-konkorenza kienet fqira hafna, ghalhekk kellhom jigu nfurmati l-Heritage Malta u D-Centre. Is-Sindku is-Sinjura Magda Magri Naudi, esprimit li dan huwa dovut ghal fatt li qabel il-hargiet konna niccargjaw irhas ghax kienu jkunu issussidjati imma issa f'sitwazzjoni li qeghdin dan ma jistax jibqa' isehh.
3.13 Is-Segretarju nfurmat li l-bilanc tal-Festival Tac-Citru 2014 issa kien wasal u dahal fil-kotba tal-Bank tal-Kunsill.

3.14 Fuq nr 3.5 tal-Minuti fejn is-Sindku kienet talbet biex jitnehhew il-poles minn quddiem il-Mithna, is-Segretarju nfurmat li kienet intbaghtet request lil Engineer Kenneth Xuereb ta' l-EneMalta biex dawn jitnehhew. Ghandha terga' tinbaghat reminder.

3.15 Is-Segretarju nfurmat li kienet kellmet lill-Perit tal-Kunsill fuq l-applikazzjoni tad-dawl u l-ilma ghal Mithna. Ghandhom isiru pjanti godda bir-ritratti biex ikun jista japplika mal-MEPA biex issir il-Compliance Letter biex inkunu nistghu napplikaw ghad dawl u l-ilma

3.16 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li fuq 3.7 tal-minuti, tkellmet mal-haddiema tal-Kunsill fuq ix-xoghol li jrid isir fuq it-Torri Belvedere biex jintrabat ic-cirku ta' fuq. Huma kkonfermaw li dan ix-xoghol ma jistghux jaghmluh huma qalu u li hemm bzonn is-servizz ta' haddied. Gie deciz li ghandu jigi ikkuntatjat il-haddied biex naraw jkunx jista' jaghmel din il-bicca xoghol.

3.17 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar ghandha taghmel kuntatt ma xi hadd ukoll biex ingibu kwotazzjoni ghal dan ix-xoghol tat-Torri.

3.18 Fuq il-hlas tas-signs ta' l-ghamara tat-Toroq, is-Segretarju nfurmat li l-ittra kienet lesta biex tintbaghat lil min ghandu xi sign biex jirreklama l-hanut tieghu. Gie decis li din l-ittra tinbaghat lil min ghandna il-contact details tieghu.

3.19 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi tkellmet fuq problema li quddiem it-Trott fi Triq Sant'Andrija qed jitilghu l-karozzi fuq il-bankina. Hija qed tisugerixxi li bhal ma diga tezizti barrier tal-hadid quddiem l-iskola tas-Sorijiet, jistghu isiru zewg barriers ohra quddiem nr 64 u 67 bir-reklami. Il-problema bhalissa qieghda li l-Kunsill limitat hafna kemm jista' jonfoq.

3.20 Fuq il-issue tal-Contracts Manager, il-Minority Leader Dr. Marc Sant qal li s'issa ghadu ma ircieva xejn mid-Dipartment fuq dan. Is-Segretarju nfurmat li d-Dipartment kienu staqsew biex jintbaghtu dokumenti bhat-Tender documents, Contract u letter of Acceptance. Hija infurmat li l-ufficcju tal-Kunsill ma kienx hemm id-dokumenti kollha u kellmet lill-A/Segretarju ta' qabel. Hija kellha ticcekkja x'ghandha u tibghat kollox l-ufficcju tal-Kunsill. Sadanitant intbaghtu d-dokumenti li kienu fl-ufficcju tal-Kunsill lid-Dipartment.

3.21 Fuq 3.20, il-kotba li kienu fil-librerija ta' l-iskola u skond sorsi dawn kienu ghaddew il-University Residence biex izommuhomna sakemm titranga il-Kamra tal-Librerija. Il-University Residence gew ikkuntatjati fuq dan imma s'issa ghadhom ma' tawx twegiba.

3.22 Intbaghtet request lit-TM bir-ritratti fejn, s-Sinjorina Stephanie Cutajar qed tissugerixxi li ssir zebra crossing jew stop signs fejn il-kappella ta' Santa Marija (nr 4.2 tal-Minuti).

3.23 Intbaghtet request lit-TM ukoll ghal stop sign jew Zebra crossing fi Triq Il-Forn hdejn Dun Guzepp (nr 4.3 tal-minuti)

3.24 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li d-double yellow lines fil-kantuniera hdejn il-Kappella tal-Mirkali fuq l-sleeping policeman ma' dawra saru mill-haddiema tal-Kunsill (4.3b tal-Kunsill)

3.25 Is-Segretarju infurmat li TM ma jsibux oggezzjoni ghal 'Give Way' jew 'Stop Sign' minn Triq Il-Kbira ghal Triq il-Forn jew Triq Sant'Andrija ghal Triq Il-Forn.

3.26 Fuq 4.3e, is-Segretarju nfurmat li kienet intbaghtet request lit-TM biex issir bankina int u tiela ghal Preziosi Street hdejn Villa Francia fuq naha wahda ghar raguni ta' safety.

3.27 Hawnhekk is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li l-ewwel konna qedna li din il-bankina ssir ma' l-ghelieqi fuq in naha tax-xellug. Imma rajna li jekk issir il-bankina fuq in-naha tal-lemin fejn hemm il-Bus stop allura inqas ser isibu oggezzjoni biex japprovha ghax iktar ser tipprotegi Villa Francia, barra min hekk, ikun iktar ahjar ghal min juza is-servizz pubbliku tal-karozza tal-linja. Barra min hekk ukoll peress li fuq in-naha l-ohra ser isir zvilipp ta' kostruzzjoni .

3.28 Il-Minority Leader, Dr. Marc Sant issugerixxa li ghandna ninfurmaw lir-residenti ta' dik l-akkwata.

3.29 Is-Sindku , s-Sinjura Magda Magri Naudi nfurmat li ma nistghux nirrifjutaw xoghol li ser jinghata lilna b'xejn. Hija qalet li meta din tigi approvata mit-TM ghandna ninfurmaw lir-residenti li din ser jaghmilha l-Gvern b'xejn

3.30 Il-Minority Leader, Dr. Marc Sant , tkellem fuq iz-zewg hofor li hemm wahda isfel net, u l-ohra fin-nofs fejn it-trinka fi Preziosi Street. Dan ix-xoghol ser isir mill-haddiema tal-Kunsill.

3.31 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li l-haddiema tal-Kunsill ser johorgu bil-leave mill-ewwel gimgha ta' Dicembru sal-bidu ta' Jannar 2015. Peress li kien hemm kunsilliera ma' jaqblux li

l-haddiema jiehdu dan l-ammont ta' leave flimkien, is-Segretajru nfurmat li mhux il-Kunsill jawtorizza il-leave taghhom peress li huma haddiema ta' IPSL.

3.32 Fuq 4.3g, is-Segretarju nfurmat li ntbaghtet ittra lir-Roads Department ghal-Surfacing gdid fi Triq Giuseppe Cali

3.33 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant tkellem fuq in' No Right Turn' li hemm f'Mosta Road inti u tiela ghal Preziosi Street. Huwa qed jerga' ifakkar li ghandha titpogga sign ohra hdejn il-Welcome sign ta' Hal Lija. Is-Segretarju nfurmat li ghal tlett ijiem kien qed ikun hemm enforcement bil-Warden.

3.34 Is-Segretarju tkellmet fuq Triq Pantar, fejn gie iccekkjat mal-Kunsill tal-Mosta fejn ikkonfermaw li din it-triq taghmel mal-Kunsill ta' Hal Lija. Hija kompliet tghid li rcevejna claim ta' il-fuq minn €200 minhabba xi hsara li grat fuq il-karozza. Il-Kunsill ma jiflahx ihallas dawn il-claims. Gie deciz li l-Kunsill ghandu jerga joggezzjona mat-TM biex Triq Pantar ma tibqax taht ir-responsabbilita tat-TM peress li hija Triq arterjali bejn il-Mosta u Hal Lija.

3.35 Fuq 4.12 u r-request biex titbaxxa l-bankina tas-Sinjura Gauci fi Triq Annibale Preca Street, ta' hdejn ir-residenza 'Bronja', ghadna qed nistennew kwotazzjoni minghand Charlo Grech, dak li ser jaghmel ix-xoghol fuq il-bankina ta' Bronja u centre strip ta' Triq Daniel Sammut.

3.36 Is-Segretarju tkellmet fuq l-attivita' tal-Father Christmas, fejn l-ispejjes ser ilahhqu €337.92 li jinkludu l-flyer black and white, il-Father Christmas ghal-prezz ta' €125 + VAT u l-kostum tal-Father Christmas li ser iqum bejn €20 u €70

3.37 Is-Sindku, qalet li hija xorta taqbel li minhabba is-sitwazzjoni finanzjarja li ghandna l-attivita ghandha ssir gewwa l-Ufficcju tal-Kunsill.

3.38 Il-Kunsilliera qablu li bhala attivita' tal-Milied ghandha ssir bhas snin ta' qabel. Ser nifrankaw li inhallsu lil xi hadd biex imur idur bir-rigali wara l-Father Christmas peress li s-Sinjorina Stephanie Cutajar ikkonfermat li ser tmur hi bir-rigali fil-van tal-Kunsill.

3.39 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi ssugerit li l-ahjar nieqfu fuq dak li qeghdin niddiskutu u naraw ftit fuq l-Accounts peress li l-Accountant kienet ilha tistenna.

## 4. BUDGET 2014

4.1 L-Accountant, s-Sinjorina Johanna Caruana, ressqet il-Budget ghas-sena 2014 u li kellu jkun lest fil-bidu tas-sena 2014. Tqassmet kopja lil kull Kunsilliera.

4.2 Il-Minority Leader, Dr. Marc Sant staqsa fuq page 2 fejn kien hemm fuq il-bye laws, jekk l-ammont li jidher ta' €24,600 huwiex ghal-permessi biss?

4.3 L-Accountant irreferit ghal 2.2 fejn hemm il-breakdown ta' l-affarijiet.

4.4 Il-Kunsilliera komplew jitkellmu u jistaqsu fuq dan il-Budget.

4.5 L-Accountant qalet li kellna refund ta' xi €600 fuq lamp posts.

4.6 L-Accountant qalet li din is-sena tnaqqsu anke mill-allokazzjoni ghax il-Kunsill kellu penalty.

4.7 Is-Segretarju tkellmet fuq kont li kien wasal minghand l-ELLS, l-Ufficcju tal-Kunsill fuq patching ta' Kjeriku Gakbu Abela u bicca minn Pantar Road ghal ammont ta' €14,000.

4.8 Saret dikussjoni fuq dan il-kont, ghax l-Kunsilliera ma kienx decizi fuq dan ix-xoghol. Dan il-kont gie c-certifikat mill-Perit tal-Kunsill. Il-kont wasal l-Ufficcju tal-Kunsill illum il-25 ta' Novembru 2014 meta dan ix-xoghol sar f'Gunju/Lulju 2014. Il-Kuntrattur Ells Ltd. kien halla f'idejn il-Perit biex jaghdilna hu l-kont. Xi haga gara u l-kont qatt ma wasal.

4.9 Is-Segretarju nfurmat li x-xoghol gie certifikat fit-18 ta' Lulju u l-kont hareg fil-31 ta' Lulju 2014.

4.10 Dan il-kont m'huwiex inkluz fil-Accounts ta' din is-sena, ghalhekk is-Segretarju nfurmat li peress li kien qed isir l-Mid Term Audit bejn Jannar u Lulju 2014, hija mill-ewwel infurmat lill-Awdituri bih u ghalkemm dan il-kont ghadu ma thallas xorta ghandu commitment fuqu l-Kunsill.

4.11 Jekk jithallas dan il-kont wara li niccekkjaw mal-Perit ghandu jinqasam f'partijiet. Is-Segretarju ccekjat mal-perit fuq il-5% management fees ta' dan il-kont u huwa ikkonferma li

l-Kunsill m'huwiex ser ihallas ghal Management fees imma l-Ells ser ihallsu huwa dirett. Il-Kunsilliera kkonfermaw li dan ix-xoghol kien sar.

4.12 Il-Kunsilliera tkellmu fuq il-ktieb 'Hal Lija fi Tfuliti', li l-Kunsill nefaq €4689 u li l-flus ser imorru ghal progett li kien iddecieda l-Kunsill ftit snin ilu fuq il-progett tal-pitturi ta' Giuseppe Cali.

4.13 Is-Segretarju nfurmat li s-Sur Sammut kien ta' rendikont sa fejn jista' ghid hu ta' fejn qeghdin inferrxin dawn il-kotba u kemm inbieghu s'issa sa fejn nistghu nghidu.

4.14 S'issa inbieghu madwar disghin ktieb.

4.15 Dan il-Budget ghadnu jigi uploaded fil-website tal-Kunsill

4.16 Is-Sindku spjegat li xi hames snin ilu kien gie decis li dan il-ktieb jigi ippublikat b'kollaborazzjoni ma.

4.17 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar qalet li l-Kunsill kellu jigbor il-flus l-ewwel imbaghad wara li jinqatghu l-ispejjes li l-Kunsill ikun ghamel, il-kumplament jinghataw lura ghal progett tal-pitturi ta' Cali.

4.18 L-Accountant infurmat li l-Kunsill fl-ahhar tas-sena huwa €43,630 minn taht li jinkludu fih il-kont ta' l-Ells li gie pprezentat illum fuq il-mejda tal-Kunsill tal-patching li sar f'Gunju/Lulju 2014 u anke it-toroq tal-PPP

4.19 Iridu jigu ccekkjati l-pagamenti kollha ta' Polidano biex naraw jekk kienx hemm xi double payment.

4.20 Is-Sur Massimo Scerri qal li ftit tax-xhur ilu l-Kunsill kien diga fid-dejn, l-Accountant ikkonfermat li prattikament id-dejn baqa l-istess.

4.21 Is-Segretarju nfurmat li kienet iccekjat mal-bank u bhala Cash flow, il-kunsill kull ma ghandu sa l-ahhar ta' Dicembru huwa ta' €12,000.

4.22 Il-laqgha kompliet b'diskussjoni fuq il-finanzi tal-Kunsill fejn kulhadd qabel li l-kuntratti huma gholjin wisq minn kif kienu.  L-allokkazzjoni ghas-sena diehla triq tizdied.

4.23 L-Accountant issugerit  li jekk il-kuntratti gholew hafna li kwazi qed jinhargu €118,00 mill-allokazzjoni (kwazi in-nofs) li qed imorru biex jithallsu l-Kuntratti ghandna nressqu l-kas ghand id-Dipartiment.  Is-Sindku nfurmat  li hija diga kitbet lill-Monitoring tad- Dipartiment.

4.24 Il-Minority Leader, Dr. Marc Sant rega sostna li huwa jahseb li biex forsi jitnaqqsu spejjes ghandna ninghaqdu ma' Kunsilli ohra tal-madwar fejn jidhlu kuntratti

4.25 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill biex nahsbu fuq il-Budget tas-sena d-diehla u naraw xi progetti irridu naghmlu.

4.26 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia esprimit li nahseb ahjar naraw kif ser jithallsu l-kuntratti

4.27 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar qalet li hemm hafna riperkusjonijiet fuq il-Kunsill ta' l-affarijiet li ilhom gejjin matul is-snin u hadd ma' realizza x'kien qed jigri.

4.28 Is-Segretarju nfurmat li ghal l-ahhar ta' 2012 kien hemm diga deficit minhabba l-PPP.

4.29 Is-Sindku staqsiet lill-Accountant biex taghtina parir jekk ghandnix inkomplu bl-attivitajiet tal-

4.30 Milied fis-sitwazzjoni li qeghdin.

4.31 L-Accountant xorta taqbel li xi haga zghira ghandna ssir ghax mhux ser taghmel daqshekk differenza.

4.32 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi tkellmet fuq il-kera li nhallsu kull xahar dik ta' €700 u l-anqas m'ghandha kuntratt.

4.33 Hija qalet li kienu kellna nixtru propjeta u l-bank jaghtina 'loan' zgur inhallsu inqas minn dik is-somma kull xahar.  Hija qalet li kitbet lid-Dipartiment fuq dan imma qed tistenna twegiba.

**5. ARISING CONTINUED**

5.1 Il-laqgha tkompliet issa li l-hin kien is -7.00p.m. wara li l-Accountant harget mill-kamra.

5.2 Fuq 4.26 tal-Minuti fejn is-Sur Massimo Scerri  kien talab biex terga tinzeghbah biz-zebgha sewda l-parking f'Annibale Preca, din saret mill-haddiema tal-Kunsill.

5.3 Is-Segretarju nfurmat li l-affarijiet mexjin fuq it-tizjin tal-Milied mill-Kumitat Festi Esterni ghal-prezz ta' €350.00.

5.4 Is-Segretarju nfurmat li fuq il-4.32 fejn hemm tumbata quddiem is-Sur Pule li joqghod Triq Daniel Sammut, din trid tistenna sakemm il-Kunsill ikollu iktar xogholijiet biex iqabbad lill-Perit biex jigi 'on site'.
5.5 Is-Segretarju fakkret lis-Sinjorina Stephanie Cutajar li kellha iggib contact number ghall-mechanic biex ikun jista sewwi l-hgiega tal-van u jara x'ghandu bzonn il-van.
5.6 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li kienet intbaghtet request lit-TM bir-ritratti ghal-request ta' plastic bollard quddiem l-entratura tal-garage tas-Sur Steve Shaw li joqghod Triq Giuuseppe Cali. Il-prezz ghal plastic bollard huwa ta' €35.00 bhal ma hemm fi Triq Il-Kbira u €20.00 ta' deleantors. S'issa din ghada ma gietx ordnata.
5.7 Is-Segretarju nforma li ghad irid jigi ccekkjat request ghal double yellow lines fi Triq Merino quddiem dar nr 30 – 31. Din diga giet approvata mit-TM pero irid jigi ccekkjat l-ewwel jekk huwiex ser jitnaqqas parking space.
5.8 Fuq 4.45, is-Sindku kellha iggib kotba mill-Community Chest Fund biex jinbieghu. Gie ikkonfermat li ghal ewwel iggib ghoxrin kopja biex jinbieghu mill-Ufficcju tal-Kunsill.
5.9 Is-Sindku tkellmet fuq il-Press Conference li l-Kunsill kien iddecieda ghal nhar is-Sibt 6 ta' Dicembru fl-10.00a.m. fl-Ufficcju tal-Kunsill. Din il-konferenza ser issir bhala promozzjoni tal-ktieb li huwa bhala parti mir-restawr tal-pitturi ta' Cali u d-decizjoni li l-Kunsill kien ha. F'din il-press Conference irridu ukoll nippromwovu il-Festival ta' Citru u anke insemmu dawn il-kotba tal-Community Chest Fund.
5.10 Is-Sindku qed tisugerixxi li dakinhar tal-Press Conference, jittiehed ritratt tal-Kunsill il-gdid.
5.11 Il-Kunsilliera staqsew jekk il-fondi li l-Kunsill ghandu jiehu mir-Regjun Centru hux diga dahlu fil-kont. Dan ghandu jigi ccekkjat.
5.12 Is-Segretarju nfurmat li l-applikazzjonijiet ghal Presepju Haj u l-Festival ta' Citru kienu dahlu ghand id-Dipartiment fil-hin.
5.13 Hija nfurmat li kien gie decis fil-laqgha l-ohra li kellha tinkiteb ittra lid-Dipartiment fuq l-applikazzjoni tal-Presepju Haj. Id-Dipartiment wiegeb li l-NGO's ma jistghux japplikaw ghal attivitajiet imma l-Kunsill irid jidher. Jistghu isiru attivitajiet mill-Kunsill flimkien ma' l-NGOs pero l-Kunsill irid johrog il-flus imbaghad l-ghaqda thallas lill-Kunsill.
5.14 Il-Kunsill hallas ghal Wardens ghal Presepju Haj imma Sant'Andrija diga baghtu l-pagament taghhom lill-Kunsill.
5.15 Is-Sindku ghamlitha cara ma'min staqsieha, li l-Kunsill mhux qed jaghti flus lil ghaqdiet.
5.16 Il-Minority Leader, Dr. Marc Sant qal li kien ikun ahjar kieku l-kunsilliera kienu iktar involuti fl-applikazzjoni tal-iskemi kulturali – specjalment fuq il-Festival tac-Citru ghax l-appikazzjoni waslet sew qabel id-deadline ghall-applikazzjonijiet.
5.17 Is-Sindku qalet li din saret fl-ahhar minuta u waslet ghand id-Dipartiment fl-ahhar hin.
5.18 Is-Sur Massimo Scerri ssugerixxa li jkollna 'speed cameras' fir-rahal specjalment fi Triq Giuseppi Portelli fejn l-iktar qed jispidjaw l-karozzi.
5.19 Is-suggeriment huwa tajjeb imma l-Kunsill zgur mhux f'pozizzjoni li jaghmel dan bhala finanzi.
5.20 Fuq il-Live Streaming, is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li l-Connections tal-Melita kienu saru fl-Ufficcju matul il-gimgha u l-apparat ghandhu jitwahhal il-gimgha d-diehla. L-ispejjes tal-Melita ser jithallsu mid-Dipartiment ukoll barra is-somma ta' €2000 li l-Kunsill ser jiehu bhala fondi.
5.21 Fuq 9.4b, is-Segretarju nforma lill-Kunsill li l-isem ta' Triq id-Dejqa kien wasal imma kien gie issugerit li dan jitwahhal meta ssir Triq Id-Dejqa. Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qed tisugerixxi li din tista' titwahhal issa ghax mhux ser taghmel differenza
5.22 Is-Segretarju nfurmat li fuq il-Measure 125, il-Kunsill kien ghadu ma rceviex approvazzjoni fuq l-'extension of time' pero s-Sinjorina Marisa Marmara talbet biex terga tintbaghat il-BOQ minghand il-Perit biex forsi tista tkellimhom bil-possibilta li titnaqqas l-area li trid tigi asfaltata.

**6. KOMUNIKAZZJONI MINGHAND IS-SINDKU**

6.1 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi poggiet zewg requests fuq il-mejda tal-Kunsill.
6.2 Is-Sur Noel Aquilina li joqghod fi Triq Sant'Andrija u li ghandu l-MiniVan, qed jitlob lill-Kunsill biex isir ghatba mal-bieb bhal ma' kienet saret lis-Sinjura Marija Fenech. Is-Sur Joe Fenech, Ironmonger, dejjem jghidlu biex ma jipparkjax quddiemu ghalhekk dan ir-resident qed jitlob din l-ghatba. Huwa qed jghid li jekk il-Kunsill jaghtih permess jaghmilha hu. Il-Kunsill unanimamnent qabel u ghandu jigi ikkuntatjat is-Sur Aqulina fuq nr 77413598.

**7. KOMUNIKAZZJONI MINGHAND IL-KUNSILLIERA**

7.1 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia ikkomunikat mal-Kunsill li l-gurnata ta' qabel hija kienet iltaqet mal-Headmistress fuq il-Librerija Pubblika.
7.2 Il-Headmistress indikat zewg zoni pubblici fejn tista' ssir il-librerija. Dawn iz-zoni huma imdaqsin kif indika li ghandhom ikunu mis-Sur Steve Borg. Kif ikunu hemm xaqq ta' dawl jigi ikkuntatjat is-Sur Borg biex jidhlu l-periti biex naraw jekk nistghux naccessaw biex inkunu nistghu napplikaw ghal xi fondi. Dawn iz-zewg zoni jindikati huma Triq Robert Mifsud Bonnici u Triq Mario Agius.
7.3 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia resqet ilment li l-kennies meta jiknes il-gir u xahx mhux qieghed jitfaw fil-kaxxa tieghu, imma isib xi kaxxa tal-kartun.
7.4 Din il-kaxxa mhiex tingabar mill-garbage collector peress li hu gir u xahx. Ghandu jigi kkuntatjat il-kennies biex ma jibqax jaghmilha.
7.5 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia resqet ilment li hdejn il-bus stop fi Triq Robert Mifsud Bonnici, hemm pole ohra bil-hinijiet ta' l-iskola u din qeda fin-nofs tal-bankina. Minhabba f'hekk il-bankina qed tkun 'obstructed'. Ghandha tinqala t-tabella tal-hinijiet u ssir f'post iehor anke mal-hajt.
7.6 Il-Minority Leader, Dr. Marc Sant staqsa fuq il-Kuntratt ta' l-ELC peress li dan ilu skadut ghaxar snin.
7.7 Is-Sindku qalet li fis-sitwazzjoni li qeghdin ahjar ma inqanqlu xejn.
7.8 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li dan il-kuntratt huwa tajjeb hafna ghax Joe il-gardinar igib hafna pjanti u fjuri, anke igibilna affarijiet b'xejn bhal ser igib l-ilma biex titnaddaf il-Mithna u anke jsaqi l-Gnien Tal-Mirakli. Barra minn hekk Joe huwa 'a helping hand' ghal haddiema tal-Kunsill u vice versa.
7.9 Il-Minority Leader, Dr. Marc Sant qal li l-kuntratt ta' Joe huwa ma' xi tlett postijiet ohra, pero, s-Segretarju nfurmat li Joe jahdem Hal Balzan u Hal Lija biss.
7.10 Il-Minority Leader, Dr. Marc Sant staqsa jekk il-Kunsill kienx fetah bank account ghal tal-apposta ghar-restawr tat-Torri bhalma bhal ma kien gie deciswaqt laqgha tal-Kunsill madwar sena ilu. Dan il-kont tal-bank kellu jkun fih il-flus li ngabru meta nfetah it-Torri Belvedere fi zmien il-festa tat-2013 u waqt il-Car Free Day f'Settembru 2013.
7.11 Il-Segretarju ghandha tistaqsi fuq dawn il-flus, peress li hemm kont tal-bank miftuh bl-ammont ta' 571.58
7.12 Il-Minority Leader, Dr. Marc Sant semma l-Catch the Drop Campaign tal-HSBC sabiex il-Kunsill u l-kunsilliera jippreparaw lista ta' affarijiet li jistghu jsiru grazzi ghal din l-ghajnuna.
7.13 Fuq il-bir tal-Mithna, dan irid jigi mnaddaf. Ghandu jigi ccekjat dwar dan
7.14 Il-Minority Leader,Dr. Marc Sant staqsa fuq it-token ghal Kappillan Fr.David Gauci tal-hidma tieghu f'Hal Lija. Il-Kunsill qabel li dan it-token ghandu jsir bhal ma naghmlu ghal Jum Hal Lija :
7.15 Il-wording ghandu jkun kif gej :

Lill wisq Rev. Kappillan
Bhala ringrazzjament
Tal-hidma fil-Parrocca ta' Hal Lija

2000 – 2014
Dan it-token ghandu jkun lest sa nhar il-Hamis 4 ta' Dicembru 2014
Is-Sindku s-Sinjura Magda Magri Naudi qalet li dan it-token ser jinaghata lil Fr. David wara l-quddiesa.

**8. VIP LIST**

8.1 Waslet complaint biex jergghu jitwahhlu reflectors ta' fuq iz-zuntier ghax hemm hafna dlam. Ghandhom jigu ikkuntatjati l-EneMalta biex iwahllu taghhom u imbaghad wara iwahhlu tana hdejhom.
8.2 Is-Segretarju poggiet fuq il-Mejda tal-Kunsill l-'itemised list' ta' l-attivita li kienet saret is-sena l-ohra wara l-Festa fil-University Residence peress li kien talbu Dr. Marc Sant.
8.3 Il-University Residence qed jistaqsu dwar dan il-kont. Is-Segretarju nfurmathom li l-Kunsill kien disappuntat bin-nuqqas ta' Waiters ghad-drinks u anke ghal fatt li kien hemm nies barranin maghna. Imma huwa fatt li kienu mistednin 65 u konna biss 27. Ghandu jsir ftehim biex dan il-kont jithallas f'xi tlieta jew erba darbiet.
8.4 Is-Sur Grech mill-University Residence qal li jekk kien hemm xi problemi fuq l-attivita kien imissna tkellimna maghhom ghax anke kienu naqqsu xi ftit mill-kont imma mhux inhallu l-kont u ma nhallsuhx
8.5 Is-Sur Charles Caruana mill-Housing Estate qed jaghmel request ghal rampa quddiem il-garage tiehu nr 4 ghax ghamel hsara fuq it-tyre tal-karozza tieghu. Dan minhabba li huwa qed ikollu idahhal u johrog il-karozza minn wara minnhabba x-xogholijiet li qed isiru f'naxxar Road. Huwa qed jaghmel claim ta' €50.
8.6 Peress li dan gara minhabba x-xogholijiet li qed isiru f'Naxxar Road, is-Sur Caruana ghandu jistaqsi lit-TM ghal kumpens.
8.7 Request iehor kien minghand s-Sinjura Coleiro peress li tablet mera biex tehel mal-faccata tad-dar taghhom fi Triq Annibale Preca ma' naha l-ohra biex tkun tista' tohrog mill-garage taghha. Il-Kunsill ma setax jidendifika ezatt fejn ghalhekk ghandu jinbaghat il-haddiem tal-Kunsill biex jiccekjaw fuqha.
8.8 Waslet claim fl-Ufficcju tal-Kunsill ta' xi €200 fuq hsara li saret fuq tyre ta' karozza fi Triq il-Pantar. Peress li ser nikkontestaw ma' TM fuq din it-triq ghax dik hija Triq arterjali, ghandu jigi ikkuntatjat is-Sur Muscat biex meta jigi onsite fuq affarijiet ohra nghidulu biha ukoll.
8.9 Is-Segretarju poggiet fuq il-mejda tal-Kunsill lista ta' Patching works li ghad iridu jsiru u lista ta' items li jridu jinxtraw mill-Koptasin biex il-Kunsill jiddeciedi, fis-sitwazzjoni li qeghdin, x'jista jsir u ma jistax isir ghalissa.
8.10 Is-Segretarju poggiet ukoll lista ta' expenses ohra bhal spejjes li l-Kunsill ghandu ghal Triq id-Dejqa minbarra l-UIF funds u l-Kunsill ser jiehu, u li dawn jammontaw ghal fuq minn €10,000,. Ghandna niccekkjaw mal-MEPA fuq dawn il-UIF funds.
8.11 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi qalet lill-Kunsill li qabel Dicembru irid isir il-Patching ta' Mrs.Agius fi Triq Il-Forn. L-Ispejjes ta' dan il-patching, hekk kif ikkwota l-Ells, huwa ta' €204.60 pero Mrs.Agius mhiex kuntenta fuq l-area li immarka l-Ells ghax qalet li l-Perit kien immarka area ikbar.
8.12 Is-Sindku qalet li ghandna nghidu lill-Perit biex jigi 'on site' fuq din il-bicca xoghol. Is-Segretarju qalet li il-Perit ghandu jigi biex ikejjel din il-bicca xoghol u ghanda nghidulu fuq ix-xogholijiet l-ohra li ghandna biex nigbru x-xogholijiet kollha flimkien.
8.13 Hawnhekk is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet kemm tigi tiswa l-bollard mill-Koptasin u li din tigi tiswa 36.80 euros. Windmill Street, Triq San Licinju u ta' Giuseppe Cali
8.14 Gie deciz li ghandu jsir dan il-patching u xi affarijiet urgenti minghand il-Koptasin bhal bollard ta' Windmill Street, ta' Triq San Licinju u ta' Giuseppe Cali, il-mera ta' Merino Str u stop signs f'Ta Senna; jekk tigi irhas meta nordnaw iktar minn item wiehed. Imma jekk ma taffetwax issir ordni wahda ghalissa dik tal-bollard ta' Mrs Young ta' Triq San Licinju.

8.15 Is-Segretarju nfurmat li xoghol fuq il-Culvert ta' Transfiguration Avenue c/w Giovanni Barbara ser isir minn Camray ghal prezz ta' €550.00.
8.16 Is-Segretarju regghet sostniet li flus ma ghandnix assolutament
8.17 Il-Minoirty Leader, Dr.Marc Sant staqsa jekk nistghux nghidu lill-haddiema ta' l-IPSL minn barra biex jaghmlu x-xoghol tal-bankini.
8.18 Kemm is-Sindku u kemm is-Segretarju qalu li dakinhar li ingiebu l-haddiema ta' l-IPSL biex jahdmu fuq il-ground iz-zghir tac-Centru Rekreattiv, Michael spicca ghamel ix-xoghol kollu, ghalhekk dawn il-haddiema mhumiex daqshekk reliable
8.19 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li ghadna ma ircevejniex risposta fuq l-Insurance tal-Kunsill fejn ma konniex inxurjati minn Frar ta' din is-sena. It-tender kienet inharget f'Dicembru 2013, gie agudikata fi Frar u l-Kunsill iddecieda f'Mejju lil min ghazel. Imma din waqfet hemm. Is-Sindku qalet ukoll li barra l-emails li baghtet is-Segretarju lid-Dipartiment hija baghtet ukoll lill-Monitoring Board fejn qaltilhom li ghandna ukoll zewg court cases.
8.20 Il-van tal-Kunsill pero huwa inxurjat sa Jannar ta' 2015 meta ghandu l-VRT
8.21 Is-Segretarju poggiet fuq il-mejda tal-Kunsill e-mail minghand il-Cleansing Department fejn sar rapport minghand xi resident biex jitnaddaf sewwa Triq il-Mahlut minn naha ta' l-gheliqi. Ghandu jintbaghat Joe Gatt biex jiccekkja dwar dan l-ilment u jekk ikun jista jaqta' l-haxix jaqtghu
8.22 Is-Segretarju taghat rentikont ta' kemm ghandu cash flow il-Kunsill bhalissa.

| | |
|---|---|
| Savings Acct | 12,137.01 |
| Bank Account 051 | 571.58 |
| Current Account | 0.02 |
| Fixed Account – | |
| Maturity 31 Dec 14 | 8,000.00 |

**9. PREMISES GHAL KUNSILL**

9.1 Il-Minority Leader Dr Marc Sant staqsa jekk kienx hemm xi options ghal premises ghal Kunsill. Is-Sindku tkellmet fuq dar kbira u hija Centrali hafna fi Triq Robert Mifsud Bonnici Street li kienet id-dar tas-Sinjura Conti Borda.
9.2 Ghal din id-dar qed jitolbu €490,000 waqt li dar ohra fuq il-Borg qed jitolbu €700,000. Is-Sindku qalet li irrdu nistennew minghand id-Dipartiment il-way forward. Hija qasmet mal-Kunsilliera it-taqsim ta' din id-dar li hija kbira hafna.
9.3 Hemm dar ohra faccata ta' Bonaci li hija zghira u tiswa €275,000 u li ma tistax taghmel ufficini.
9.4 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar ma taqbilx li ghandha nonfqu daqshekk flus u nkomplu nhallu d-dejn ghal ta' warajna
9.5 Kompliet diskussjoni fuq li kieku is-€700 fix-xahar li nhallsu, nhallsuhom loan kienu ghandna l-post taghna. Pero dak il-prezz ta' kwazi nofs miljun huwa gholi wisq ghax hemm ukoll l-interessi.
9.6 Id-Dipartment irid jghidilna iva ihhaluna nixtru imma b'certu somma ta' flus, inkunu nistghu mmexxu b'xi propjeta ghax il-flus tal-kera kollha marret 'down the drain'.
9.7 Is-Sindku kompliet tghid li l-Awdituri dejjem gibdulna l-attenzjoni li ahna ma ghandnix status tal-premises ghax qatt ma kellna kuntratt.
9.8 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia issugerit post iehor ghal bejh f'Hal Lija li huwa fi Triq Il-Forn. Id-dar ta Esther, omm is-Sagristan.

**10. SKEDA TA' PAGAMENTI**

10.1 Is-Segretajru, poggiet fuq il-mejda tal-Kunsill lista ta' pagamenti ghax-xahar ta' Novembru 2014.

10.2 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia u il-Minority Leader Dr. Marc Sant ma approvawx il-pagament tal-bowzer ta' l-ilma tal-Waste Collection.

10.3 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar staqsiet fuq iz-zewg pagamenti t' l-ARMS. Is-Segretarju spjegat li dawn huma l-applikazzjoni ghal meter ghal-Presepju Haj u ghad-dekorazzjonijiet tal-Milied tal-Kumitat Festi Esterni.

10.4 Is-Segretarju taghat spjegazzjoni ukoll fuq kont iehor ta' l-ARMS ghal ammont ta' €386.00 li dan huwa kont ta' l-arlogg tas-soft area imma konsum ma kienx hemm. Qabel kien ikun hemm funtana u anke flood lights. Dan il-kont huwa ta' hafna snin u qatt ma thallas. Ghandu jintbaghat l-sweeper biex inaddaf is-soft area.
Is-Segretarju nfurmat li ippruvajna nitkellmu ma' l-EneMalta biex forsi isir transfer ta' l-arlogg ghal gol-Mithna imma dan ma jistax isir.
Dan il-kont ta' l-ARMS irid jithallas ghax inkella ma jkunux jistghu japplikaw ghat-temporary services kemm ghal Presepju haj u kemm ghal Kumitat Festi Esterni.

10.5 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar staqsiet minn kien ta' J.F. Mallia. gie spjegat lilha li dan huwa il-kuntrattur li jsewwi l-bozzoz ta' tal-hajt li ghandna gewwa Hal Lija.

10.6 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet fuq il-pagament ta' l-ELC. Hawnhekk Dr. Marc Sant qal li meta kien kellem lil Joe fuq il-park ta' quddiemu u ma kienx jaf bih dan il-park, allura irridu naraw Joe fejn suppost jiehu hsieb.

10.7 Fuq proposta tas-Sinjorina Stephanie Cutajar sekondat mis-Sur Massimo Cutajar, il-pagamenti gew approvati

**11. LAQGHA TAL-KUNSILL**

11.1 Il-laqgha li jmiss ser issir nhar It-Tlieta 16 ta' Dicembru 2014 fil-5.00p.m.

**TMIEM**

Fit-20.10 hrs intemmet is-Seduta b'mod unanimu

Magda Magri Naudi
Sindku

Georgette Borg
Segretarju Ezekuttiv